MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Numru 142/2006

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

George Vella

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 295674(M) li hu akkuzat talli:

1. nhar il-11 ta’ Awissu, 2004, ghal habta ta’ bejn is-2:00 u l-4:00 ta’ wara nofsinhar ikkommetta is-serq ta’ Majna mill-hanut tax-xorb imsemmi ‘Gejtano bar’, li jinsab fi Triq Rubly, il-Marsa, ghad-dannu ta’ Mario Portelli minn Santa Lucija, liema valur tas-serqa jeccedi Lm100 izda anqas minn Lm500, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bix-xorta ta’ haga misruqa u dana bi ksur

tal-Artikoli 261(b), (c), (e) u (g), 263, 267, 269(d) u 271(c) tal-Kap 9;

2. fl-istess, data, hin u lok, ikkommetta s-serq ta' erba' grosos sigaretti mill-hanut tax-xorb imsemmi 'Gejtano bar', li jinsab fi Triq Rubly, il-Marsa, ghad-dannu ta' Mario Portelli minn Santa Lucia, liema valur tas-serqa ma jeccedix il-Lm100, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bix-xorta ta' haga misruqa u dana bi ksur tal-Artikoli 261(b), (e) u (g), 263, 269(d) u 271 tal-Kap 9;

3. fl-istess data, hin u lok, ikkawza hsarat volontarji fil-hanut tax-xorb imsemmi 'Gejtano bar', li jinsab fi Triq Rubly, il-Marsa, liema hsara teccedi l-Lm10 izda mhux izjed minn Lm50, ghad-detriment ta' Mario Portelli minn Santa Lucija u dana bi ksur tal-Artikolu 325(c) tal-Kap 9;

4. nhar il-11 ta' Awissu, 2004, ghal habta tal-4:00 ta' wara nofsinhar, xjentament f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u xjentament, b'kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dana bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9;

5. sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema saru definittivi u ma jistghu jithassru qatt.

Il-Qorti mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda'

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzat jinsab mixli b'serq minn hanut tax-xorb bl-isem 'Gaetano Bar' ta' Triq Rubly, il-Marsa, aggravat bil-mezz, valur, lok u xorta tal-haga misruqa u bir-refurtiva

konsistenti f’ghasfur tal-majna u erba grosos sigaretti. L-akkuzi jikkontemplaw ukoll r-ricettazzjoni u r-recidiva.

L-akkuzat jinnega l-involviment tieghu f’dan is-serq u effettivament mill-provi dak li jikkonnetti l-imputat mas-serq hu biss li huwa kien fil-pussess tal-majna ghaliex altrimenti m’hemm xejn li jorbot lill-imputat mas-serq. Issa, hu gurisprudenzjalment affermat li l-pussess tal-haga misruqa fi zmien recenti hu wiehed mill-indizji biex juri li l-pussessur hu il-halliel fin-nuqqas ta’ spiegazzjoni li turi xort’ohra; fil-kaz in meritu din il-prova tal-pussess recenti tirrizulta fis-shih.

Illi fil-fatt jirrisulta li waqt li s-serqa saret fil-11 ta’ Awissu 2004, appena jumjen wara, l-imputat kien mar f’hanut il-Fgura u biegh din il-majna lil tal-hanut ghall-prezz ta’ Lm35.

Illi mill-provi prodotti senjatament mix-xhieda tad-derubat u ta’ John Micallef, il-proprjetarju tal-hanut il-Fgura, l-Qorti m’ghandhiex dubbju li l-ghasfur kien dak li d-derubat sab nieqes.

Illi l-akkuzat ma xehdtx f’dawn il-proceduri izda fl-istqarrija tieghu stqarr li l-majna sabha barra gewwa Bormla. Ma ta ebda spiegazzjoni ohra hajr li lil tal-hanut tal-Fgura qallu li kienet tieghu u li kien idejjaq biha. L-imputat jirrisulta, dejjem mill-istqarrija tieghu, li kien konxju tal-fatt li l-prezz taghha kien ferm aktar il-Lm35 li bieghha. Li ma irrizultax hu kif gie ottenut l-access fil-hanut tad-derubat li xehdt f’dan il-kuntest li hemm bieb wiehed ghal barra u numru ta’ biebien interni. Stqarr li “inzertajt dhalt fil-kcina u hemmhekk osservajt li l-bieb tal-aluminium kien miftuh u jiena kont cert li ghalaqtu…ittawwalt gol-bitha u hemmhekk nispiega kelli ghasfur tal-majna u ma sibtux u osservajt ukoll li l-bieb tal-aluminium kellu l-fillor nieqes”. Li apparti l-ghasfur sab nieqes tlett grosos ta’ sigaretti pero’ xejn izjed.

Intant, kien mixhut fuq l-akkuzat, minhabba din l-presunzjoni tal-pussess recenti, li jiskolpa lilu innifsu billi jaghti spiegazzjoni kredibbli ta’ kif gie fil-pussess tal-haga.

Din il-Qorti meta qieset ic-cirkostanzi kollha partikolarment dak li qal l-akkuzat meta biegh l-majna u l-prezz tal-bejgh, nisslet fiha konvinciment morali, li l-akkuzat kien il-persuna li wettaq is-serqa u dan din il-Qorti qed tghidu anka fin-nuqqas ta' kjarezza ta' kif gie ottenut l-access fil-hanut derubat.

Inghad dan u billi l-Qorti ser issib l-imputat hati ta' serq kif specifikat fl-akkuza, apparti xi aggravji konessi mieghu, qeghda tiskarta l-akkuza ta' ricettazzjoni izda mhux dik tar-recidiva li tirrisulta pruvata (ara verbal folio 34).

Konsegwentement tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu cjoe' ta' serq mill-hanut 'Gaetano Bar' ta' Triq Rubly, Marsa, aggravat biss pero' bil-mezz u valur. Rat l-Artikolu 261(b)(c), 264, 267, 271, 278, 279(a), 49, 50 u 31 tal-Kap 9 u tikkundannah disa xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------